REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/620

tal-15 ta' April 2021

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u tal-istatus ta' mingħajr tilqim ta' ċerti Stati Membri jew taż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom fir-rigward ta' ċertu mard elenkat, u rigward l-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ('Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali') ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 31(3), 36(4) u 37(4)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi qafas leġiżlattiv ġdid għall-prevenzjoni u għall-kontroll ta' mard li huwa trażmissibbli lill-annimali jew lill-bniedem. B'mod partikolari, ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi r-regoli speċifiċi għall-mard elenkat f'konformità mal-Artikolu 5(1) tiegħu (il-mard elenkat), u l-Artikolu 9 tiegħu jipprevedi kif għandhom jiġu applikati dawk ir-regoli għall-kategoriji differenti tal-mard elenkat. Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi wkoll li l-Istati Membri jistabbilixxu programmi obbligatorji ta' eradikazzjoni għall-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(b) tiegħu, u għal programmi fakultattivi ta' eradikazzjoni għall-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(c) tiegħu, u għall-approvazzjoni ta' tali programmi mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, jipprevedi l-approvazzjoni mill-Kummissjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard jew tal-istatus ta' mingħajr tilqim tal-Istati Membri jew taż-żoni jew tal-kompartimenti tagħhom fir-rigward ta' ċertu mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(a) , (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2016/429.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([2]) jiddefinixxi l-mard elenkat f'mard tal-Kategoriji A sa E, u jipprevedi li r-regoli għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard għall-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 għandhom japplikaw għall-kategoriji ta' mard elenkat għall-ispeċijiet elenkati u għall-gruppi ta' speċijiet elenkati msemmija fit-tabella stabbilita fl-Anness ta' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli li jikkonċernaw il-mard tal-Kategorija A, tal-Kategorija B jew tal-Kategorija C.

(3) Ir-Regolament (UE) 2016/429 iqis dan li ġej bħala mard elenkat: infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis*, u bil-*B. suis*, infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (MTBC), infezzjoni bil-virus tar-rabja (RABV), bil-lewkoża enzootika bovina (EBL), infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) (infezzjoni bil-BTV), bid-dijarea virali bovina (BVD), bir-rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva (IBR/IPV), infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky (ADV), infestazzjoni bil-*Varroa* spp., infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle, infezzjoni bl-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI), bis-settiċemija emorraġika virali (VHS), bin-nekrożi ematopojetika infettiva (IHN), infezzjoni bil-virus tal-anemija infettiva tas-salamun b'delezzjoni f'reġjun polimorfiku ħafna (ISAV b'delezzjoni fl-HPR), infezzjoni bil-*Marteilia refringens*, infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa*, infezzjoni bil-*Bonamia ostreae*, u infezzjoni bil-virus tas-sindromu tal-ponot bojod (WSSV). Dak il-mard elenkat kollu jaqa' taħt id-definizzjonijiet ta' mard tal-Kategorija A, tal-Kategorija B jew tal-Kategorija C stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, u huwa elenkat kif xieraq fit-tabella fl-Anness ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).

(4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 ([3]) jissupplimenta r-regoli dwar il-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat ta' annimali terrestri, akkwatiċi u oħrajn, kif previst fir-Regolament (UE) 2016/429. B'mod partikolari, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 jistabbilixxi l-kriterji għall-għoti ta' status ta' ħelsien mill-mard lill-Istati Membri jew liż-żoni jew lill-kompartimenti tagħhom, u jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tal-programmi ta' eradikazzjoni għall-Istati Membri jew għaż-żoni jew għall-kompartimenti tagħhom.

(5) L-Artikolu 85 tar-Regolament (UE) 2020/689 jistipula li l-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi programm ta' eradikazzjoni approvat jew bi programm ta' sorveljanza approvat għall-mard tal-kategorija C qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament għandhom jitqiesu li għandhom programm ta' eradikazzjoni approvat skont dak ir-Regolament għal perjodu ta' sitt snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Għaldaqstant, jenħtieġ li din il-limitazzjoni tiġi indikata fl-Annessi rilevanti ta' dan ir-Regolament.

(6) L-Artikolu 280 tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi r-regoli għaż-ż-żamma tal-istatus eżistenti ta' ħelsien mill-mard jew il-programmi ta' eradikazzjoni u ta' sorveljanza approvati tal-Istati Membri jew taż-żoni jew tal-kompartimenti tagħhom għal ċertu mard elenkat li ġie approvat mill-atti tal-Kummissjoni adottati f'konformità mad-Direttivi tal-Kunsill 64/432/KEE ([4]), 91/68/KEE ([5]), 92/65/KEE ([6]), 2005/94/KE ([7]), 2006/88/KE ([8]) jew 2009/158/KE ([9]). Barra minn hekk, l-Artikolu 84 u 85 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 jissupplimentaw ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429 f'dak ir-rigward billi jistabbilixxu miżuri tranżizzjonali li jikkonċernaw l-istatus eżistenti ta' ħelsien mill-mard, u l-programmi ta' eradikazzjoni u ta' sorveljanza eżistenti approvati, fir-rigward ta' dak il-mard elenkat.

(7) Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni u trasparenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jissostitwixxi l-listi ta' Stati Membri, żoni u kompartimenti eżistenti ħielsa mill-mard u l-programmi ta' eradikazzjoni u ta' sorveljanza approvati eżistenti stabbiliti fl-atti tal-Kummissjoni adottati skont id-Direttivi msemmija fl-Artikolu 280 tar-Regolament (UE) 2016/429 u f'ċerti Direttivi msemmija fl-Artikoli 84 u 85 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 bil-listi stabbiliti fl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

(8) Għal ċertu mard elenkat, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 għall-ewwel darba jistabbilixxi r-regoli għall-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard għall-Istati Membri jew għaż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom u għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 280 tar-Regolament (UE) 2016/429 ma japplikawx għal sitwazzjonijiet bħal dawn. Dan huwa l-każ għall-infezzjoni bil-virus tar-rabja (RABV), għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) (infezzjoni bil-BTV), bid-dijarea virali bovina (BVD) jew għall-infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa*. Diversi Stati Membri ppreżentaw applikazzjonijiet lill-Kummissjoni biex jingħatalhom status ta' ħelsien mill-mard għal dak il-mard elenkat. Wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, intwera li dawk l-applikazzjonijiet kienu jikkonformaw mal-kriterji tat-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu 4 tal-Parti II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 li jistabbilixxu r-regoli għall-għoti ta' status ta' ħelsien mill-mard lill-Istati Membri jew liż-żoni u l-kompartimenti tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li jingħata l-istatus ta' ħelsien mill-mard lil dawk l-Istati Membri jew liż-żoni jew il-kompartimenti rilevanti tagħhom, u jenħtieġ li dawn jiġu elenkati kif xieraq fl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffetwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità (ĠU L 121, 29.7.1964, p. 1977).

([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju tan-nagħaġ u tal-mogħoż (ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19).

([6]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(I) ta' Direttiva 90/425/KEE (ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54).

([7]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur u li thassar id-Direttiva 92/40/KEE (ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16).

([8]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14).

([9]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74).

(9) Għal ċertu mard elenkat, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 jistabbilixxi r-regoli għall-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għall-Istati Membri jew għaż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom li mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 280 tar-Regolament (UE) 2016/429. Dan huwa l-każ għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus,* bil-*B. melitensis,* u bil-*B. suis*, l-infezzjoni bil-*kumpless* tal-*Mycobacterium tuberculosis* (MTBC), l-infezzjoni bil-virus tar-rabja (RABV), bil-lewkoża enzootika bovina (EBL), l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) (infezzjoni bil-BTV), bid-dijarea virali bovina (BVD) jew l-infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa*. Diversi Stati Membri ppreżentaw applikazzjonijiet lill-Kummissjoni biex il-programmi ta' eradikazzjoni jiġu approvati għal dak il-mard elenkat. Wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, intwera li dawk l-applikazzjonijiet kienu jikkonformaw mal-kriterji tal-Kapitolu 2 u 3 tal-Parti II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 li jistabbilixxu l-kriterji li għandhom jiġu rrispettati għall-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għall-mard tal-Kategorija B u tal-Kategorija C tal-annimali terrestri u akkwatiċi, rispettivament. Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-programmi ta' eradikazzjoni jiġu approvati u li l-Istati Membri jew iż-żoni u l-kompartimenti tagħhom jiġu elenkati kif xieraq fl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

(10) Għal ċertu mard elenkat, l-applikazzjonijiet mill-Istati Membri biex jingħatalhom status ta' ħelsien mill-mard jew biex jiġu approvati l-programmi ta' eradikazzjoni tagħhom għadhom ma waslux għand il-Kummissjoni, jew il-valutazzjoni tagħhom għadha ma ġietx finalizzata. Ladarba jaslu l-applikazzjonijiet, jew ladarba l-valutazzjoni tiġi ffinalizzata, l-Istati Membri, iż-żoni jew il-kompartimenti rilevanti jistgħu jiġu elenkati fl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

(11) Barra minn hekk, għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus,* bil-*B. melitensis,* u bil-*B. suis,* riċentement Stat Membru ppreżenta applikazzjoni lill-Kummissjoni biex żona tingħatalha status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-*Brucella abortus, B. melitensis,* u *B. suis*. Wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, intwera li l-applikazzjoni tikkonforma mal-kriterji tal-Artikolu 71 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 li jistabbilixxi r-regoli għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard abbażi ta' programmi ta' eradikazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li jingħata l-istatus ta' ħelsien mill-mard liż-żona u jenħtieġ li din tiġi elenkata kif xieraq fl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

(12) Fir-rigward tal-influwenza tat-tjur, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2009 ([10]), li ġie adottat skont id-Direttiva 2005/94/KE, jipprevedi l-approvazzjoni mill-Istati Membri ta' kompartimenti tat-tjur u ta' kompartimenti ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq. Il-lista tal-kompartimenti approvati hija disponibbli għall-pubbliku u s-sit web tal-Kummissjoni jinkludi l-links għall-paġni ta' informazzjoni fuq l-Internet tal-Istati Membri. Jenħtieġ li l-istatus ta' ħelsien mill-mard tal-kompartimenti tat-tjur u l-kompartimenti ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq approvati fir-rigward tal-influwenza tat-tjur skont ir-Regolament (KE) Nru 616/2009 jinżamm skont ir-Regolament (UE) 2016/429 u jenħtieġ li jiġu elenkati kif xieraq fl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE ([11]) telenka l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom bi status ta' ħelsien mit-tuberkuloži, bi status ta' ħelsien mill-bruċelloži u bi status ta' ħelsien mill-EBL f'konformità mad-Direttiva 64/432/KEE. Jenħtieġ li dawk l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom jiġu elenkati kif xieraq fl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

(14) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE ([12]) tistabbilixxi l-lista tal-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom bi status uffiċjali ħieles mill-bruċelloži (*B. melitensis*) skont id-Direttiva 91/68/KEE. Jenħtieġ li dawk l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom jiġu elenkati kif xieraq fl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

([10]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE dwar l-approvazzjoni ta' kompartimenti għat-tjur u ta' kompartimenti ta' għasafar tal-gaġġa oħrajn fir-rigward tal-influwenza avjarja u miżuri ta' bijosikurezza preventivi addizzjonali f'kompartimenti simili (ĠU L 181, 14.7.2009, p. 16).

([11]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE tat-23 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi l-kwalifika ta' uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolosi, bruċellosi u lewkosi bovina enzootika ta' xi Stati Membri u reġjuni fl-Istati Membri rigward annimali bovini (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 74).

([12]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE tal-21 ta' Diċembru 1992 li tieħu nota tal-konformità ta' ċerti Stati Membri jew reġjuni mal-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-bruċelloži (*B. melitensis*) u li tagħtihom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun uffiċjalment ħieles mill-marda (ĠU L 13, 21.1.1993, p. 14).

(15) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/503/UE ([13]) tistabbilixxi l-lista tal-Istati Membri jew it-territorji tagħhom li huma rikonoxxuti bħala ħielsa mill-varroaża f'konformità mad-Direttiva 92/65/KEE. Jenħtieġ li dawk l-Istati Membri jew it-territorji tagħhom jiġu elenkati kif xieraq fl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

(16) Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 94/963/KE ([14]) u 95/98/KE ([15]) jistabbilixxu l-istatus tal-Finlandja u tal-Iżvezja bħala "mingħajr tilqim" fir-rigward tal-marda ta' Newcastle f'konformità mad-Direttiva 2009/158/KE. Jenħtieġ li dawk l-Istati Membri jiġu elenkati kif xieraq fl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

(17) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE ([16]) tistabbilixxi l-listi tar-reġjuni tal-Istati Membri li għandhom status ta' ħelsien mill-IBR u r-reġjuni tal-Istati Membri li għandhom programm approvat ta' eradikazzjoni tal-IBR skont id-Direttiva 64/432/KEE. Jenħtieġ li r-reġjuni bi status ta' ħelsien mill-IBR jiġu elenkati kif xieraq fl-Annessi ta' dan ir-Regolament, filwaqt li jenħtieġ li r-reġjuni bi programmi approvati ta' eradikazzjoni tal-IBR iżommu l-programm tagħhom għal perjodu ta' żmien limitat f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/689, u jenħtieġ li jiġu elenkati fl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

(18) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE ([17]) tistabbilixxi l-listi tal-Istati Membri jew tar-reġjuni tagħhom li għandhom l-istatus ta' ħelsien mill-marda ta' Aujeszky u tar-reġjuni li għandhom programm approvat għall-eradikazzjoni tal-marda ta' Aujeszky f'konformità mad-Direttiva 64/432/KEE. Jenħtieġ li dawk l-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-marda ta' Aujeszky jiġu elenkati kif xieraq fl-Annessi ta' dan ir-Regolament, filwaqt li jenħtieġ li r-reġjuni bi programmi approvati għall-eradikazzjoni tal-marda ta' Aujeszky iżommuhom għal perjodu ta' żmien limitat f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/689, u jenħtieġ li jiġu elenkati kif xieraq fl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

(19) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/177/KE ([18]) tistabbilixxi listi ta' Stati Membri u ta' ċerti żoni u kompartimenti bi status ta' ħelsien mill-mard, jew soġġetti għal programmi ta' sorveljanza jew programmi ta' eradikazzjoni approvati fir-rigward tal-mard elenkat tal-annimali akkwatiċi f'konformità mad-Direttiva 2006/88/KE. Jenħtieġ li l-istatus ta' ħelsien mill-mard ta' dawk l-Istati Membri, iż-żoni u l-kompartimenti jiġi elenkat kif xieraq fl-Annessi ta' dan ir-Regolament, filwaqt li jenħtieġ li l-programmi approvati jinżammu għal perjodu ta' żmien limitat f'konformità mal-Artikolu 85 tar-Regolament (UE) 2020/689, u jenħtieġ li jiġu elenkati kif xieraq fl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

(20) Fir-rigward tal-mard elenkat tal-annimali akkwatiċi, hemm ċerti żoni u kompartimenti ħielsa mill-mard, kif ukoll programmi ta' sorveljanza approvati, li mhumiex elenkati fid-Deċiżjoni 2009/177/KE, iżda jeżistu l-listi tagħhom li huma disponibbli għall-pubbliku fuq il-paġni ta' informazzjoni fuq l-Internet tal-Istati Membri f'konformità mad-Direttiva 2006/88/KE. Jenħtieġ li jinżamm l-istatus ta' ħelsien mill-mard ta' dawk iż-żoni u kompartimenti, filwaqt li jenħtieġ li l-programmi jinżammu għal perjodu ta' żmien limitat f'konformità mal-Artikolu 85 tar-Regolament (UE) 2020/689. Fil-paġna tal-Internet li ġiet stabbilita u miżmuma f'konformità mal-Artikolu 185(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 u mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 ([19]) hemm disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni aġġornata dwar l-istabbilimenti li jinsabu f' dawk iż-żoni u kompartimenti ħielsa mill-mard, jew li huma soġġetti għal dawk il-programmi.

([13]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/503/UE tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ottubru 2013 li tirrikonoxxi partijiet tal-Unjoni bħala ħielsa mill-varroaża fin-naħal u li tistabbilixxi garanziji addizzjonali mitluba fil-kummerċ fl-Unjoni u fl-importazzjonijiet biex titħares il-qagħda ħielsa mill-varroaża tagħhom (ĠU L 273, 15.10.2013, p. 38).

([14]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/963/KE tat-28 ta' Diċembru 1994 li tistabbilixxi l-istatus ta' mingħajr tilqim tal-Finlandja fir-rigward tal-marda ta' Newcastle (ĠU L 371, 31.12.1994, p. 29).

([15]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/98/KE tat-13 ta' Marzu 1995 li tistabbilixxi l-istatus tal-Iżvezja bħala mhux imlaqqam għal dak li jirrigwarda l-marda ta' Newcastle (ĠU L 75, 4.4.1995, p. 28).

([16]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE tal-15 ta' Lulju 2004 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE li tirrigwarda garanziji addizzjonali għan-negozju intra-Komunitarju ta' annimali bovini relatati mar-rinotrakeite bovina infettiva u l-approvazzjoni tal-programmi ta' qerda ppreżentati minn ċerti Stati Membri (ĠU L 249, 23.7.2004, p. 20).

([17]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE tal-21 ta' Frar 2008 dwar garanziji addizzjonali f'kummerċ intra-Komunitarju tal-majjal rigward il-marda ta' Aujeszky, u kriterji sabiex jipprovdu informazzjoni dwar din il-marda (ĠU L 59, 4.3.2008, p. 19).

([18]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/177/KE tal-31 ta' Ottubru 2008 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE dwar programmi ta' sorveljanza u qerda u status ta' ħelsien minn mard ta' Stati Membri, żoni u kompartimenti (ĠU L 63, 7.3.2009, p. 15).

([19]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għal stabbilimenti tal-akkwakultura u trasportaturi ta' annimali akkwatiċi (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 345).

(21) Peress li l-listi stabbiliti fid-Deċiżjonijiet 93/52/KEE, 94/963/KE, 95/98/KE, 2003/467/KE, 2004/558/KE, 2008/185/KE u 2009/177/KE, ir-Regolament (KE) Nru 616/2009 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/503/UE qed jiġu sostitwiti bil-listi stabbiliti fl-Annessi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dawk l-atti jitħassru u jiġu sostitwiti b'dan ir-Regolament.

(22) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Ftehim dwar il-Ħruġ), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-Regolament (UE) 2016/429, kif ukoll l-atti tal-Kummissjoni bbażati fuqu, japplikaw għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li r-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq) jiġi elenkat fl-Annessi ta' dan ir-Regolament fejn ikun rilevanti għall-Irlanda ta' Fuq.

(23) Billi r-Regolament (UE) 2016/429 japplika mill-21 ta' April 2021, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika wkoll minn dik id-data.

(24) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni għall-mard tal-annimali elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2016/429, fir-rigward tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u status ta' mingħajr tilqim ta' ċerti Stati Membri ([20]) jew żoni jew kompartimenti tagħhom, u l-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat.

2. L-Annessi ta' dan ir-Regolament jelenkaw kemm l-Istati Membri jew iż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom li l-istatus ta' ħelsien mill-mard jew il-programmi ta' eradikazzjoni tagħhom għandhom jitqiesu bħala approvati kif previst fl-Artikolu 280 tar-Regolament (UE) 2016/429, kif ukoll dawk li l-istatus ta' ħelsien mill-mard u l-programmi ta' eradikazzjoni tagħhom għandhom jiġu debitament approvati minn dan ir-Regolament u elenkati wkoll kif xieraq fl-Annessi tiegħu.

3. Fl-Annessi tiegħu, dan ir-Regolament jelenka:

(a) l-Istati Membri jew iż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom bi programmi ta' eradikazzjoni obbligatorji approvati għall-mard tal-Kategorija B u bi programmi fakultattivi ta' eradikazzjoni għall-mard tal-Kategorija C.

(b) l-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status approvat ta' ħelsien mill-mard u bi status ta' mingħajr tilqim;

(c) il-kompartimenti tal-Istati Membri bi status rikonoxxut ta' ħelsien mill-mard.

Artikolu 2

Infezzjoni bil-*Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis*

1. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-mard ta' *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* fil-popolazzjonijiet tal-annimali bovini għandhom jiġu elenkati fil-Kapitolu 1 tal-Parti I tal-Anness I.

([20]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

2. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-mard ta' *Brucella abortus, B. melitensis* u *B. suis* fil-popolazzjonijiet tal-annimali ovini u kaprini għandhom jiġu elenkati fil-Kapitolu 2 tal-Parti I tal-Anness I.

3. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi programm ta' eradikazzjoni obbligatorju approvat għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus, bil-B. melitensis* u *bil-B. suis* għandhom jiġu elenkati fil-Parti II tal-Anness I.

Artikolu 3

Infezzjoni bil-kumpless tal-Mycobacterium tuberculosis (*M. bovis, M. capraeu M. tuberculosis*) (MTBC)

1. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-infezzjoni b' kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*Mycobacterium bovis, M.caprae* u *M. tuberculosis*) (MTBC) għandhom jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness II.

2. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi programm ta' eradikazzjoni obbligatorju approvat għall-infezzjoni bl-MTBC għandhom jiġu elenkati fil-Parti II tal-Anness II.

Artikolu 4

Infezzjoni bil-virus tar-rabja (RABV)

1. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tar-rabja (RABV) għandhom jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness III.

2. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi programm ta' eradikazzjoni obbligatorju approvat għall-infezzjoni bl-RABV għandhom jiġu elenkati fil-Parti II tal-Anness III.

Artikolu 5

Lewkoża enzootika bovina (EBL)

1. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-marda tal-lewkoża bovina enzootika (EBL) għandhom jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness IV.

2. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi programm ta' eradikazzjoni fakultattiv approvat għall-EBL għandhom jiġu elenkati fil-Parti II tal-Anness IV.

Artikolu 6

Rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva (IBR/IPV)

1. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-mard tar-rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva (IBR/IPV) għandhom jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness V.

2. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi programm ta' eradikazzjoni fakultattiv approvat għall-IBR/IPV għandhom jiġu elenkati fil-Parti II tal-Anness V.

Artikolu 7

Infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky (ADV)

1. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky (ADV) għandhom jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness VI.

2. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi programm ta' eradikazzjoni fakultattiv approvat għall-infezzjoni bl-ADV għandhom jiġu elenkati fil-Parti II tal-Anness VI.

Artikolu 8

Dijarea virali bovina (BVD)

1. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-marda tad-dijarea virali bovina (BVD) għandhom jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness VII.

2. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi programm ta' eradikazzjoni fakultattiv approvat għall-infezzjoni bl-BVD għandhom jiġu elenkati fil-Parti II tal-Anness VII.

Artikolu 9

Infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) (infezzjoni bil-BTV)

1. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) (infezzjoni bil-BTV) għandhom jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness VIII.

2. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi programm ta' eradikazzjoni fakultattiv approvat għall-infezzjoni bl-BTV għandhom jiġu elenkati fil-Parti II tal-Anness VIII.

Artikolu 10

Infestazzjoni bil-*Varroa*spp.

L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-infestazzjoni bil-*Varroa spp*. għandhom jiġu elenkati fl-Anness IX.

Artikolu 11

Infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle

L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim għandhom jiġu elenkati fl-Anness X.

Artikolu 12

Infezzjoni bl-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI)

Il-kompartimenti tal-Istati Membri ħielsa mill-HPAI għandhom jiġu elenkati fl-Anness XI.

Artikolu 13

Settiċemija emorraġika virali (VHS)

1. Dawn li ġejjin għandhom jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness XII:

(a) l-Istati Membri li t-territorju kollu tagħhom għandu status ta' ħelsien mill-marda tas-settiċemija emorraġika virali (VHS);

(b) żoni jew kompartimenti tal-Istati Membri meta aktar minn 75 % tat-territorju tal-Istat Membru għandu status ta' ħelsien mill-marda tal-VHS; u

(c) żoni jew kompartimenti ta' Stati Membri bi status ta' ħelsien mill-marda tal-VHS, fejn l-erja tal-magħqad tal-ilma li tforni lil dawk iż-żoni jew il-kompartimenti tal-Istat Membru tkun kondiviża ma' Stat Membru ieħor jew ma' pajjiż terz.

2. Dawn li ġejjin għandhom jiġu elenkati fil-Parti II tal-Anness XII:

(a) l-Istati Membri li t-territorju kollu tagħhom għandu programm ta' eradikazzjoni approvat għall-VHS;

(b) żoni u kompartimenti tal-Istati Membri meta aktar minn 75 % tat-territorju tal-Istat Membru għandu programm ta' eradikazzjoni approvat għall-VHS; u

(c) żoni u kompartimenti tal-Istati Membri bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-VHS, fejn l-erja tal-magħqad tal-ilma li tforni lil dawk iż-żoni jew il-kompartimenti tal-Istat Membru tkun kondiviża ma' Stat Membru ieħor jew ma' pajjiż terz.

Artikolu 14

Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN)

1. Dawn li ġejjin għandhom jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness XIII:

(a) l-Istati Membri li t-territorju kollu tagħhom għandu status ta' ħelsien mill-marda tan-nekrożi ematopojetika infettiva (IHN);

(b) żoni jew kompartimenti tal-Istati Membri meta aktar minn 75 % tat-territorju tal-Istat Membru għandu status ta' ħelsien mill-marda tal-IHN; u

(c) żoni jew kompartimenti ta' Stati Membri bi status ta' ħelsien mill-marda tal-IHN, fejn l-erja tal-magħqad tal-ilma li tforni lil dawk iż-żoni jew il-kompartimenti tal-Istat Membru tkun kondiviża ma' Stat Membru ieħor jew ma' pajjiż terz.

2. Dawn li ġejjin għandhom jiġu elenkati fil-Parti II tal-Anness XIII:

(a) l-Istati Membri li t-territorju kollu tagħhom għandu programm ta' eradikazzjoni approvat għall-IHN;

(b) żoni u kompartimenti tal-Istati Membri meta aktar minn 75 % tat-territorju tal-Istat Membru għandu programm ta' eradikazzjoni approvat għall-IHN; u

(c) żoni u kompartimenti tal-Istati Membri bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-IHN, fejn l-erja tal-magħqad tal-ilma li tforni lil dawk iż-żoni jew il-kompartimenti tal-Istat Membru tkun kondiviża ma' Stat Membru ieħor jew ma' pajjiż terz.

Artikolu 15

Infezzjoni bil-virus tal-anemija infettiva tas-salamun b'delezzjoni f'reġjun polimorfiku ħafna (ISAV b'delezzjoni fl-HPR)

1. Dawn li ġejjin għandhom jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness XIV:

(a) l-Istati Membri li t-territorju kollu tagħhom għandu status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-anemija infettiva tas-salamun b'delezzjoni f'reġjun polimorfiku ħafna (ISAV b'delezzjoni fl-HPR);

(b) żoni jew kompartimenti tal-Istati Membri fejn aktar minn 75 % tat-territorju tal-Istat Membru għandu status ta' ħelsien mill-infezzjoni bl-ISAV b'delezzjoni fl-HPR; u

(c) żoni jew kompartimenti tal-Istati Membri bi status ta' ħelsien mill-infezzjoni bl-ISAV b'delezzjoni fl-HPR, fejn l-erja tal-magħqad tal-ilma li tforni lil dawk iż-żoni jew il-kompartimenti tal-Istat Membru tkun kondiviża ma' Stat Membru ieħor jew ma' pajjiż terz.

2. Dawn li ġejjin għandhom jiġu elenkati fil-Parti II tal-Anness XIV:

(a) l-Istati Membri li t-territorju kollu tagħhom għandu programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bl-ISAV b'delezzjoni fl-HPR;

(b) żoni u kompartimenti tal-Istati Membri meta aktar minn 75 % tat-territorju tal-Istat Membru għandu programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bl-ISAV b'delezzjoni fl-HPR; u

(c) żoni u kompartimenti tal-Istati Membri bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bl-ISAV b'delezzjoni fl-HPR, fejn l-erja tal-magħqad tal-ilma li tforni lil dawk iż-żoni jew il-kompartimenti tal-Istat Membru tkun kondiviża ma' Stat Membru ieħor jew ma' pajjiż terz.

Artikolu 16

Infezzjoni bil-Marteilia refringens

1. Dawn li ġejjin għandhom jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness XV:

(a) l-Istati Membri li t-territorju kollu tagħhom għandu status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-*Marteilia refringens*;

(b) żoni jew kompartimenti tal-Istati Membri fejn aktar minn 75 % tat-territorju tal-Istat Membru għandu status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-*Marteilia refringens*; u

(c) żoni jew kompartimenti ta' Stati Membri bi status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-*Marteilia refringens*, fejn l-erja tal-magħqad tal-ilma li tforni lil dawk iż-żoni jew il-kompartimenti tal-Istat Membru tkun kondiviża ma' Stat Membru ieħor jew ma' pajjiż terz.

2. Dawn li ġejjin għandhom jiġu elenkati fil-Parti II tal-Anness XV:

(a) l-Istati Membri li t-territorju kollu tagħhom għandu programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-*Marteilia refringens*;

(b) żoni u kompartimenti tal-Istati Membri meta aktar minn 75 % tat-territorju tal-Istat Membru għandu programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-*Marteilia refringens*; u

(c) żoni u kompartimenti tal-Istati Membri bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-*Marteilia refringens*, fejn l-erja tal-magħqad tal-ilma li tforni lil dawk iż-żoni jew il-kompartimenti tal-Istat Membru tkun kondiviża ma' Stat Membru ieħor jew ma' pajjiż terz.

Artikolu 17

Infezzjoni bil-Bonamia exitiosa

1. Dawn li ġejjin għandhom jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness XVI:

(a) l-Istati Membri li t-territorju kollu tagħhom għandu status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa*;

(b) żoni jew kompartimenti tal-Istati Membri fejn aktar minn 75 % tat-territorju tal-Istat Membru għandu status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa*; u

(c) żoni jew kompartimenti tal-Istati Membri bi status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa*, fejn l-erja tal-magħqad tal-ilma li tforni lil dawk iż-żoni jew il-kompartimenti tal-Istat Membru tkun kondiviża ma' Stat Membru ieħor jew ma' pajjiż terz.

2. Dawn li ġejjin għandhom jiġu elenkati fil-Parti II tal-Anness XVI:

(a) l-Istati Membri li t-territorju kollu tagħhom għandu programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa*;

(b) żoni u kompartimenti tal-Istati Membri fejn aktar minn 75 % tat-territorju tal-Istat Membru għandu programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa*; u

(c) żoni u kompartimenti tal-Istati Membri bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa*, fejn l-erja tal-magħqad tal-ilma li tforni lil dawk iż-żoni jew il-kompartimenti tal-Istat Membru tkun kondiviża ma' Stat Membru ieħor jew ma' pajjiż terz.

Artikolu 18

Infezzjoni bil-Bonamia ostreae

1. Dawn li ġejjin għandhom jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness XVII:

(a) l-Istati Membri li t-territorju kollu tagħhom għandu status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-*Bonamia ostreae*;

(b) żoni jew kompartimenti tal-Istati Membri fejn aktar minn 75 % tat-territorju tal-Istat Membru għandu status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-*Bonamia ostreae*; u

(c) żoni jew kompartimenti tal-Istati Membri bi status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-*Bonamia ostreae*, fejn l-erja tal-magħqad tal-ilma li tforni lil dawk iż-żoni jew il-kompartimenti tal-Istat Membru tkun kondiviża ma' Stat Membru ieħor jew ma' pajjiż terz.

2. Dawn li ġejjin għandhom jiġu elenkati fil-Parti II tal-Anness XVII:

(a) l-Istati Membri li t-territorju kollu tagħhom għandu programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-*Bonamia ostreae*;

(b) żoni u kompartimenti tal-Istati Membri fejn aktar minn 75 % tat-territorju tal-Istat Membru għandu programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-*Bonamia ostreae*; u

(c) żoni u kompartimenti tal-Istati Membri bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-*Bonamia ostreae*, fejn l-erja tal-magħqad tal-ilma li tforni lil dawk iż-żoni jew il-kompartimenti tal-Istat Membru tkun kondiviża ma' Stat Membru ieħor jew ma' pajjiż terz.

Artikolu 19

Infezzjoni bil-virus tas-sindrome tal-ponot bojod (WSSV)

1. Dawn li ġejjin għandhom jiġu elenkati fil-Parti I tal-Anness XVIII:

(a) l-Istati Membri li t-territorju kollu tagħhom għandu status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tas-sindrome tal-ponot bojod (WSSV);

(b) żoni jew kompartimenti tal-Istati Membri fejn aktar minn 75 % tat-territorju tal-Istat Membru għandu status ta' ħelsien mill-infezzjoni bid-WSSV; u

(c) żoni jew kompartimenti tal-Istati Membri bi status ta' ħelsien mill-infezzjoni bid-WSSV, fejn l-erja tal-magħqad tal-ilma li tforni lil dawk iż-żoni jew il-kompartimenti tal-Istat Membru tkun kondiviża ma' Stat Membru ieħor jew ma' pajjiż terz.

2. Dawn li ġejjin għandhom jiġu elenkati fil-Parti II tal-Anness XVIII:

(a) l-Istati Membri li t-territorju kollu tagħhom għandu programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bid-WSSV;

(b) żoni u kompartimenti tal-Istati Membri fejn aktar minn 75 % tat-territorju tal-Istat Membru għandu programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bid-WSSV; u

(c) żoni u kompartimenti tal-Istati Membri bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bid-WSSV, fejn l-erja tal-magħqad tal-ilma li tforni lil dawk iż-żoni jew il-kompartimenti tal-Istat Membru tkun kondiviża ma' Stat Membru ieħor jew ma' pajjiż terz.

Artikolu 20

Tħassir

L-atti li ġejjin jitħassru:

— Id-Deċiżjoni 93/52/KEE;

— Id-Deċiżjoni 94/963/KE;

— Id-Deċiżjoni 95/98/KE;

— Id-Deċiżjoni 2003/467/KE;

— Id-Deċiżjoni 2004/558/KE;

— Id-Deċiżjoni 2008/185/KE;

— Id-Deċiżjoni 2009/177/KE;

— Ir-Regolament (KE) Nru 616/2009;

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/503/UE.

Artikolu 21

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-21 ta' April 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

INFEZZJONI BIL-*BRUCELLA ABORTUS*, BIL-*B. MELITENSIS* U BIL-*B. SUIS*

PARTI I

Status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis*

KAPITOLU 1

L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis* fil-popolazzjonijiet tal-annimali bovini

Stat Membru (*)	Territorju
Il-Belġju	It-territorju kollu
Iċ-Ċekja	It-territorju kollu
Id-Danimarka	It-territorju kollu
Il-Ġermanja	It-territorju kollu
L-Estonja	It-territorju kollu
L-Irlanda	It-territorju kollu
Spanja	Comunidad Autónoma de Andalucía Comunidad Autónoma de Aragón Comunidad Autónoma de Asturias Comunidad Autónoma de Islas Baleares Comunidad Autónoma de Canarias Comunidad Autónoma de Cantabria Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha Comunidad Autónoma de Castilla y León Comunidad Autónoma de Cataluña Comunidad Autónoma de Extremadura: provincia de Badajoz Comunidad Autónoma de Galicia Comunidad Autónoma de La Rioja Comunidad Autónoma de Madrid Comunidad Autónoma de Murcia Comunidad Autónoma de Navarra Comunidad Autónoma de País Vasco Comunidad Autónoma de Valencia
Franza	It-territorju kollu
L-Italja	Regione Abruzzo: Provincia di Pescara Regione Campania: Province di Avellino, Benevento, Napoli Regione Emilia-Romagna Regione Friuli Venezia Giulia Regione Lazio Regione Liguria Regione Lombardia Regione Marche Regione Molise: Provincia di Campobasso Regione Piemonte

	Regione Puglia: Province di Bari, Barletta-Andria-Trani, Brindisi, Lecce Regione Sardegna Regione Toscana Regione Trentino – Alto Adige Regione Umbria Regione Valle d'Aosta Regione Veneto
Ċipru	It-territorju kollu
Il-Latvja	It-territorju kollu
Il-Litwanja	It-territorju kollu
Il-Lussemburgu	It-territorju kollu
Malta	It-territorju kollu
In-Netherlands	It-territorju kollu
L-Awstrija	It-territorju kollu
Il-Polonja	It-territorju kollu
Il-Portugall	Região Algarve: id-distretti kollha Região Autónoma dos Açores: Ilhas de Corvo, Faial, Flores, Graciosa, Pico, Santa Maria Região Centro: distritos Aveiro, Viseu, Guarda, Coimbra, Leiria, Castelo Branco
Ir-Rumanija	It-territorju kollu
Is-Slovenja	It-territorju kollu
is-Slovakkja	It-territorju kollu
Il-Finlandja	It-territorju kollu
l-Iżvezja	It-territorju kollu
ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	l-Irlanda ta' Fuq

(*) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

KAPITOLU 2

L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi status ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis* fil-popolazzjonijiet tal-annimali ovini u kaprini

Stat Membru (*)	Territorju
Il-Belġju	It-territorju kollu
Iċ-Ċekja	It-territorju kollu
Id-Danimarka	It-territorju kollu
Il-Ġermanja	It-territorju kollu
L-Estonja	It-territorju kollu

L-Irlanda	It-territorju kollu
Spanja	It-territorju kollu
Franza	Région Auvergne et Rhône-Alpes Région Bourgogne-Franche-Comté Région Bretagne Région Centre-Val de Loire Région Corse Région Grande Est Région Hauts-de-France Région Ile-de-France Région Normandie Région Nouvelle-Aquitaine Région Occitanie Région Pays de la Loire Région Provence-Alpes-Côte d'Azur
L-Italja	Regione Abruzzo Regione Calabria: Provincia di Catanzaro, Cosenza Regione Campania: Provincia di Benevento Regione Emilia-Romagna Regione Friuli Venezia Giulia Regione Lazio Regione Liguria Regione Lombardia Regione Marche Regione Molise Regione Piemonte Regione Puglia: Provincia di Bari, Barletta-Andria-Trani, Brindisi u Taranto Regione Sardegna Regione Toscana Regione Trentino – Alto Adige Regione Umbria Regione Valle d'Aosta Regione Veneto
Ċipru	It-territorju kollu
Il-Latvja	It-territorju kollu
Il-Litwanja	It-territorju kollu
Il-Lussemburgu	It-territorju kollu
L-Ungerija	It-territorju kollu
In-Netherlands	It-territorju kollu
L-Awstrija	It-territorju kollu
Il-Polonja	It-territorju kollu
Il-Portugall	Região Autónoma dos Açores
Ir-Rumanija	It-territorju kollu
Is-Slovenja	It-territorju kollu
is-Slovakkja	It-territorju kollu

Il-Finlandja	It-territorju kollu
l-Iżvezja	It-territorju kollu
